# Rapport dwar Każ Nru CEP-22-2958

Investigazzjoni dwar in-nuqqas ta' dritt ta' appell minn terzi kontra deċiżjonijiet mill-Awtorità tal-Ippjanar li jitrattaw regolarizzazzjoni ta' żvilupp.

## *Storja tal-Każ*

Fis-26 ta' Mejju 2022 il-Kummissarju fetaħ investigazzjoni dwar in-nuqqas ta' possibilità li jsir appell minn terzi minn deċiżjoni dwar regolarizzazzjoni ta' żvilupp.

Fis-26 ta' Mejju 2022, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Ippjanar ġie mitlub hemmx ħsieb li tiġi emendata l-liġi sussidjarja 552.26 sabiex tippermetti lil terzi jappellaw minn deċiżjoni dwar regolarizzazzjoni fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet "Martin Manduca et vs l-Awtorità tal-Ippjanar et". F'din il-komunikazzjoni kienet ġiet ikkwotata wkoll il-Konvenzjoni Aarhus li tippromwovi l-aċċess għall-ġustizzja.

Fit-12 ta' Lulju 2022 il-Kummissarju ġie infurmat li l-Ministeru qed jevalwa r-rakkomandazzjoni tiegħu u li ser ikunu qed iwieġbu fi ftit taż-żmien ieħor.

Fid-19 ta' Settembru 2022, wara li baqa mingħajr tweġiba, il-Kummissarju informa lill-Ministeru li huwa ser iħejji l-Opinjoni Finali.

***Nota***

Għalkemm l-Artikolu 12(3)(a) tal-Att dwar l-Ombudsman jgħid li dan l-Att ma japplikax għat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar stabbilit permezz tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju ikkunsidra illi ma jkunx qed jiġi kompromess l-istess Att dwar l-Ombudsman ġaladarba din l-investigazzjoni titratta d-dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-ippjanar u mhux it-Tribunal iniffsu. Wara kollox, kull investigazzjoni fir-rigward tista biss issaħħaħ proċeduri simili relatati mal-ippjanar u li ma ssirx tali investigazzjoni tista titqies bħala nuqqas fil-konfront tal-istess Att dwar l-Ombudsman.

***Osservazzjonijiet***

Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.26 tinkorpora ir-regolamenti dwar ir-regolarizzazzjoni ta' żvilupp eżistenti fejn regolament 5(5) jgħid illi: "*L-applikant ikollu dritt illi jappella mid-deċiżjoni tal-Awtorità, permezz ta'*

*appell imressaq quddiem it-Tribunal skont l-Att tat-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar*" u ma jagħtix l-istess dritt lil terzi li jkunu irreġistraw l-interess tagħhom fuq l-istess applikazzjoni.

Terzi interessati fit-termini tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandhom jiġu rikonoxxuti skont regolament 5(1) tal-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.26 kif ikkonfermat ukoll mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-istess applikazzjonijiet għal regolarizzazzjoni ta' żvilupp.

It-test relattiv mid-deċiżjoni msemmija tal-Qorti tal-Appell qed jiġi riprodott hawn taħt:

> "*Din il-Qorti tqis illi l-liġi prinċipali ċioe l-artikolu 11 tal-Kap. 551 jistabilixxi s-setgħa tat-Tribunal li jisma appelli minn diversi applikazzjonijiet konnessi mal-liġi tal-ippjanar. L-artikolu 11(1)(e) jagħmilha ċara liema huma ċ-ċirkostanzi fejn terz interessat li jirreġistra l-interess tiegħu skont l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552 jista' jappella minnhom. Jidher ċar li l-liġi tagħmel distinzjoni ċara u netta bejn permess ta' żvilupp u permess ta' regolarizazzjoni billi issemmihom f'paragrafi separati fl-artikolu 11(1)(a) fejn jirrigwarda appelli magħmula mill-applikant. Fir-rigward ta' terz interessat però issemmi biss appell minn permess ta' żvilupp u ma issemmix appell minn permess ta' regolarizazzjoni. Din id-distinzjoni turi fil-fehma tal-Qorti l-intenzjoni tal-leġislatur f'liema*

*ċirkostanzi akkorda l-fakultà ta' appell lill-applikant u terz interessat.*

*Madankollu jekk liġi ad hoc tirregola tip ta' proċess ta' ippjanar partikolari u hemm dispożizzjonijiet li jirregolaw appell minn tali proċess allura għandu jittieħed kont tal-liġi speċjali. F'dan il-każ proċess ta' regolarizazzjoni ta' żvilupp hu imsemmi fl-artikolu 101(2) tal-Kap. 552. Ir-regolamenti li jirregolaw il-proċedura għal tali proċess qegħdin fil-liġi sussidjarja 552.26. Dawn ir-regolamenti jirribadixxu l-fakultà ta' appell lill-applikant però ma jsemmu xejn dwar it-terz interessat.*

*Il-ħsieb tal-leġislatur joħroġ mill-liġi u fejn il-liġi hi ċara, ma hemmx lok li wieħed jipprova jfittex xi interpretazzjoni oħra f'moħħ il-leġislatur. Jekk il-leġislatur ma esprimiex ruħu sew fil-liġi sta biss għall-legislatur li jiċċara u jbiddel il-liġi. Sakemm dan ma jseħħx il-Qorti trid tapplika dak li hemm miktub. Il-leġislazzjoni sussidjarja kienet ċara meta tat dritt lil terz li jikkummenta u jipparteċipa fil-proċess jekk irreġistra ruħu skont l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552. Però din il-leġislazzjoni waslet sa hemm biss. Meta semmiet id-dritt ta' appell dan ġie akkordat lill-applikant biss, rifless fil-liġi prinċipali cioe l-Kap. 551 fl-artikolu 11. Anki jekk l-appellanti jqis il-proċess bħala forma ta' żvilupp u regolarizazzjoni titqies bħala permess, il-leġislatur fil-provedimenti magħmula a rigward għamel distinzjoni bejn proċess għal regolarizazzjoni ta'*

*żvilupp u permess ta' żvilupp. Ma qieshomx l-istess, u anqas akkorda l-istess drittijiet lill-applikant u terz anki fl-istess liġi prinċipali fl-artikollu 11 tal-Kap. 552.*

*Il-Qorti tirrileva illi fil-liġi nostrana u anki Ewropea tad-dritt tal-bniedem ma jeżisti ebda dritt awtomatiku għal appell. Id-dritt hu għal smigħ xieraq fejn parti tingħata l-opportunità li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha, tiġi mismugħa u tittieħed deċiżjoni.*

*Dan jidher li hu provdut fil-liġi sussidjara 552.26 fejn it-terz għandu dritt jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu quddiem il-Bord però dan id-dritt ma hux estiż għal dritt ta' appell minn deċiżjoni fuq talba għal regolarizazzjoni. Is-setgħat tat-Tribunal huma marbuta ma' dak li tippermettilu l-liġi u xejn aktar.*

***Decide:***
*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' Ottubru 2021. Spejjeż għall-appellanti.*

*Il-Qorti tordna li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil tal-Klima u l-Ippjanar."*

Minn din id-deċiżjoni wieħed jifhem illi sabiex terz li jkun reġistrat ikollu dritt jappella minn permess ta' regolarizzazzjoni hemm bżonn li dan id-dritt jiġi rifless fil-liġi proprja billi jiżdied it-test "(iv) minn deċiżjoni fuq applikazzjoni għal permess taħt proċess ta' regolarizzazzjoni" f'Artikolu 11(1)(e) tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap. 551) u konsegwentament dan id-dritt jiġi rifless ukoll fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja relattiva 552.26 taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552).

Dwar kemm huwa ġust illi jsir dan it-tibdil u jingħata l-istess dritt ta' appell lit-terzi, il-Kummissarju jikkonsidra illi hekk kif il-liġi tagħti dritt lill-applikant jappella minn deċiżjoni mogħtija wara applikazzjoni għal permess taħt proċess ta' regolarizzazzjoni, bl-istess mod dan id-dritt għandu jingħata wkoll lit-terzi li jkunu irreġistraw l-interess tagħhom skont l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp għax inkella dawk involuti fil-proċess tal-istess applikazzjoni ma jkunux qed jiġu trattati b'mod indaqs. Wara kollox, dan id-dritt ta' appell minn terzi ġja jeżisti fil-każ ta' applikazzjoni għal permess ta' żvilupp - li xi drabi tkun tinvolvi wkoll proċess ta' regolarizzazzjoni - u għalhekk huwa ġust li dan id-dritt jiġi konkretizzat ukoll għal dak li jirrigwarda applikazzjonijiet għal permess taħt proċess ta' regolarizzazzjoni.

***Konklużjoni***

Kemm l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u kif ukoll il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.26 ma jagħtux id-dritt lil terzi interessati li jappellaw minn deċiżjoni għal permess taħt proċess ta' regolarizzazzjoni kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell.

Qed jiġi rakkomandat illi:

1. Fl-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta) jiżdied it-test li jippermetti li jiġi intavolat appell minn terzi kontra deċiżjoni mogħtija wara applikazzjoni għal permess taħt proċess ta' regolarizzazzjoni li jkunu irreġistraw l-interess tagħhom skont l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

2. L-istess dritt għandu jiġi rifless fir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta).

Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar
Uffiċċju tal-Ombudsman

19 ta' Ottubru 2022